# Persuna li toqgħod it-triq tagħna...

ta' Keene Muscat

Persuna li toqgħod it-triq tagħna huwa s-Sur Joe Borg, jew kif inhu magħruf bil-laqam, "Il-Baqra". Joe Borg huwa raġel xiħ, qabeż it-tmenin sena. Huwa qsajjar u b'par mustaċċi twal. Dejjem tarah bi tbissima fuq fommu. Huwa kemxejn imbaċċaċ ukoll.



Daż-żmien marid u qiegħed id-dar mixħut għal mejjet f'sodda. Wiċċu sar isfar mewt. Kultant immur s'għandu għal xi parir jew biex jgħidli xi ġrajja minn ħajtu. Jien nisimgħu bl-akbar attenzjoni u meta nagħmel li jgħidli hu, qatt ma jiddispjaċini. Għalhekk inkompli nagħti widen għall-qawl "kliem ix-xiħ żomm fih."

Kellu bżonn ma jdumx ma jfiq ħalli narawh fit-triq tagħna bi tbissima fuq fommu, idejh wara dahru jsaffar qisu kanarin. Għandu karattru ferrieħi, qalb tad-deheb u moħħu jilħaqlu. Iħobb jaqra u għandu mal-elf ktieb fid-dar tiegħu, jekk mhux aktar.

Aħna ħbieb tal-qalb anke jekk bejnietna hemm qabża ta' sebgħin sena.